# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Frar, 2002

**Numru**

**Avviz numru: 136/01mm**

**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**G-Grafics Company Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm752.56) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta'

diversi riklami maghmula mis-socjeta' attrici fil-gazzetti "The Times" u "The Sunday Times" fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata t-3 ta' Awissu, 1999, u bl-imghax legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-12 ta' Frar, 2002, meta gew pprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kontra s-socjeta' konvenuta.